MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Numru. 17/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A.Tabone)**

**vs.**

**Carmel Mifsud**

**Kumpilazzjoni numru 17/2011**

**Illum 9 ta’ Mejju 2012**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Mifsud ta’ hamsin (50) sena, iben Joseph u Pietra nee’ Camilleri, imwieled Xaghra, Ghawdex Malta, nhar l-4 ta’ Mejju 1960, residenti fil-fond Nru. 35, Triq Liberat Grech, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 29160(G), akkuzat talli nhar is-17 ta’ Ottubru 2010

ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11.30hrs) gewwa Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u gewwa postijiet ohra f'Ghawdex;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta u Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101).

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li r-recidiva indikata fit-tieni (2) imputazzjoni tirrigwarda biss Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, il-fedina penali tal-istess imputat u kif ukoll li l-imputat ammetta **BISS** wara li l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha, u b'hekk l-ammissjoni tal-imputat ma tistax titqies bhala wahda bikrija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-Artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u kif ukoll Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' seba' (7) xhur prigunerija.

Il-Qorti, b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati sabiex ihallas is-somma ta' tlitt mija u hamsa u sittin Euro u ghoxrin centezmu (€365.20) rapprezentanti drittijiet tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lili minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru 2011.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza li tinsab fid-dokument "FT 4" u tordna li dan isir taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------